

Digriet

Nru .../2025 tal-Ministru għall-Ekonomija Nazzjonali (.... ...) li jemenda

d-Digriet Nru 2/2016 tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali tal-5 ta' Jannar 2016 dwar is-superviżjoni teknika u tas-sikurezza uffiċjali tat-tagħmir ta' pressjoni, tat-tagħmir tal-mili, tat-tagħmir tal-mili tal-gass ikkompresat b'kapaċità żgħira, u tal-ispezzjoni perijodika tat-tankijiet tal-gass awtomobilistiċi

Skont l-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 40(a) u (b) tad-Digriet tal-Gvern Nru 213/2019 tas-27 ta' Awwissu 2019 dwar is-superviżjoni teknika u tas-sikurezza uffiċjali ta' apparat, sistemi u faċilitajiet ta' pressjoni, u filwaqt li naġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet tiegħi kif definit fid-Digriet tal-Gvern Nru 182/2022 tal-24 ta' Mejju 2022 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet u s-setgħat tal-membri tal-Gvern, b'dan qed nordna dan li ġej:

Artikolu 1

Fid-Digriet Nru 2/2016 tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali tal-5 ta' Jannar 2016 dwar is-superviżjoni teknika u tas-sikurezza uffiċjali tat-tagħmir ta' pressjoni, tat-tagħmir tal-mili, tat-tagħmir tal-mili tal-gass ikkompresat b'kapaċità żgħira, u tal-ispezzjoni perijodika tat-tankijiet tal-gass awtomobilistiċi (minn hawn 'il quddiem: Id-Digriet Nru 2/2016 tal-5 ta' Jannar 2016 tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali, fl-Artikolu 33(3)(f) tiegħu, il-kliem “persuna waħda” huwa sostitwit bil-kliem “żewġ persuni”.

Artikolu 2

L-Anness 2 tad-Digriet Nru 2/2016 tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali tal-5 ta' Jannar 2016 huwa emendat skont *Anness 1* hawn taħt.

Artikolu 3

Dan id-digriet għandu jidħol fis-seħħ fil-ħmistax-il jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

Artikolu 4

Ir-reqwiżit għan-notifika minn qabel ta' dan l-abbozz ta' digriet, kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta' tal-Informatika, ġie ssodisfat.

Budapest, 2025.

Márton Nagy
Ministru għall-Ekonomija Nazzjonali

Anness 1 għad-Digriet Nru .../2024 (...) tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali

1. Fid-Digriet Nru 2/2016 tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali tal-5 ta' Jannar 2016, il-punt 4.16 tal-Anness 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4.16. Il-mili ta' awtogass likwifikat f'tankijiet, ċilindri, jew tagħmir ta' pressjoni li jista' jinġarr fi stazzjonijiet ta' riforniment tal-awtogass

4.16.1. L-awtogass likwifikat jista' jiġi ttrasferit minn tank tal-ħżin għal ġo tank jew ċilindru apposta li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 67 tan-NU/KEE, wara li l-magna tkun twaqqfet u l-vettura tkun ġiet marbuta sew kontra l-irrumblar bl-applikazzjoni tal-ħendbrejk.

4.16.2. L-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr li jappartjeni għal karavan bil-mutur, kif definit fir-Regolament dwar il-kundizzjonijiet tekniċi għad-dħul fis-servizz u ż-żamma fis-servizz ta' vetturi tat-triq, jista' jimtela permezz ta' apparat għall-mili tal-LPG li jopera fi stazzjon ta' riforniment tal-gass awtomatiku, jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati b'mod konġunt:

(a) l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikun mġammar b'fitting biex jiġi evitat li l-apparat jimtela żżejjed,

(b) l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikun mġammar b'valv ta' sikurezza blow-off,

(c) l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr għandu l-marka ta' konformità speċifikata fl-Anness 2 tad-Digriet Nru 29/2011 tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali tat-3 ta' Awwissu 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza u ċ-ċertifikazzjoni ta' konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr,

(d) intweriet l-ekwivalenza tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr mal-apparat ta' pressjoni installat fil-karavan bil-mutur għat-trasport u l-użu sikur fuq il-karavan bil-mutur,

(e) ma jkun hemm l-ebda ħsara viżibbli fl-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr,

(f) il-perjodu ta' validità tat-test ta' pressjoni għall-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ma jkunx skada fil-ħin tal-mili, u

(g) il-valv tal-mili mwaħħal mal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr huwa adattat għall-konnessjoni taż-żennuna tal-mili.

4.16.3. Fil-każijiet speċifikati fil-punt 4.16.2, il-mili tat-tagħmir taħt pressjoni li jista' jinġarr fi stazzjon ta' riforniment tal-gass awtomatiku jista' jitwettagħ biss mill-operatur tal-istazzjon tal-mili mħarregħ għal din l-attività mid-distributur tal-gass.

4.16.4. L-operatur tal-istazzjon tal-mili għandu jirrifjuta li jimla l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr jekk ma jintweriex għas-sodisfazzjon tiegħu li l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-punt 4.16.2 huma ssodisfati.

2. Fid-Digriet Nru 2/2016 tal-Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali tal-5 ta' Jannar 2016, il-punt 4.24 tal-Anness 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4.24. Għandu jkun ipprojbit li l-awtogass jimtela f'ċilindri fi stazzjon ta' riforniment tal-awtogass, ħlief fil-każijiet speċifikati fil-punti 4.16.1 u 4.16.2.”